KUNSILL TA'

L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 29 ta' Jannar 2007

17120/06

FR) PUBLIC 97

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL NOVEMBRU 2006 |

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness 1**, sommarju ta' l-atti leġislattivi definittivi adottati mill-Kunsill f'Novembru 2006. Dan hu akkumpanjat b'dikjarazzjonijiet fil-minuti li huma aċċessibbli għall-pubbliku (**Anness II**). Is-sommarju jsemmi wkoll kwalunkwe vot kontra u astensjonijiet, spjegazzjonijiet tal-vot, kif ukoll ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli;

- fl-**Anness III**, sommarju ta' l-atti l-oħra[1] adottati mill-Kunsill f'Novembru 2006, b'referenza, fejn ikun il-każ, għar-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

  Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz ta' l-Internet: http://consilium.europa.eu, Taqsima "Dokumenti", "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill http://register.consilium.europa.eu.

  Għandu jiġi nnutat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi. L-estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu wkoll jinkisbu mid-Dipartiment tat-Trasparenza, transparency@consilium.europa.eu

---

1 Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'ambitu limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti permezz ta' ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet tal-baġit speċifiċi, eċċ.

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2759 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fis-7 ta' Novembru 2006** | | | | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil ċerti Stati Membri biex japplikaw rata mnaqqsa tat-taxxa tal-VAT fuq ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 28(6), tad-Direttiva 77/388/KEE | 13916/06<br>+ COR 1 (cs)<br>+ COR 2<br>+ COR 3 (fi)<br>+ REV 1 (lv)<br>+ REV 1 COR 1 (lv)<br>+ REV 2 (el) | | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro | 13872/06<br>+ COR 1 | | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' l-Iskala San José (verżjoni kodifikata) | 13450/06<br>+ COR 1 (da)<br>+ COR 2 (el)<br>+ COR 3 (sl) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill dwar il-glukosju u l-lattosju (verżjoni kodifikata) | 12847/06<br>+ COR 1 (en)<br>+ COR 2 (hu)<br>+ COR 3 (sv)<br>+ COR 4 (sl)<br>+ COR 5 (es) | | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità | 13575/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar informazzjoni dwar il-pagatur li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi | PE-CONS 3630/06<br>+ COR 1 (de)<br>+ COR 2<br>+ REV 1 (cs) | 164/06 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief<br>Astensjoni:<br>Ġermanja, Franza |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà | PE-CONS 3634/06 | 165/06, 166/06, 167/06 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2760 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-13 ta' Novembru 2006** | | | | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi kumitat għall-istatistika monetarja, finanzjarja u ta' bilanċ tal-ħlasijiet (verżjoni kodifikata) | 12869/06<br>+ REV 1 (en)<br>+ COR 2 (hu) | | Maġġoranza sempliċi | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar proċeduri ta' konsultazzjoni u informazzjoni f'materji ta' assigurazzjoni ta' kreditu, garanziji ta' kreditu u krediti finanzjarji (verżjoni kodifikata) | 12871/06<br>+ REV 1 (en)<br>+ REV 2 (nl)<br>+ REV 3 (lt)<br>+ REV 4 (hu)<br>+ REV 5 (pl)<br>+ COR 1 (lt)<br>+ COR 2 (da)<br>+ COR 3 (fi)<br>+ COR 4 (sv)<br>+ COR 5 (cs)<br>+ COR 6 (et)<br>+ COR 7 (sl)<br>+ COR 8 (fi) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2762 laqgħa tal-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ u Kultura) fit-13 u l-14 ta' Novembru 2006** | | | | |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regolament ta' l-operazzjoni ta' l-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 3, il-Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988) (verżjoni kodifikata) | PE-CONS 3635/06<br>+ COR 1 (hu)<br>+ REV 1 (pl)<br>+ REV 2 (mt) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq (verżjoni kodifikata) | PE-CONS 3637/06<br>+ COR 1 (da)<br>+ COR 2 (lt)<br>+ COR 3 (lv)<br>+ COR 4 (en) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (verżjoni kodifikata) | PE-CONS 3638/06<br>+ COR 1 (fi)<br>+ COR 2 (hu)<br>+ COR 3 (lv)<br>+ COR 4 (nl)<br>+ COR 5 (sl)<br>+ REV 1 (mt)<br>+ REV 2 (pl) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2763 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-20 u l-21 ta' Novembru 2006** | | | | |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 51/2006 u (KE) Nru 2270/2004, fir-rigward ta' opportunitajiet tas-sajd u kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut | 14363/06<br>+ REV 1 (lv) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 379/2004 fir-rigward taż-żieda tal-volumi ta' kwoti ta' tariffi għal ċerti prodotti tas-sajd għas-sena 2006 | 13998/06<br>+ COR 1 (es) | 168/06 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Kunsill dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' karburant eżawrit | 13168/06<br>+ COR 1 (da)<br>+ COR 2 (fr)<br>+ REV 1 (hu)<br>+ REV 2 (lt)<br>+ REV 3 (sv)<br>+ REV 4 (it) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| • Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar (il-programm "Pericles") | 14314/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| • Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi għall-Istati Membri li mhumiex parteċipanti l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/....../KE li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar (il-programm "Pericles") | 14315/06 | | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Tkabbir<br>a) Regolament tal-Kunsill li jadatta ċerti Regolamenti u Deċiżjonijiet fl-oqsma tal-moviment liberu ta' merkanzija, il-moviment liberu ta' persuni, il-liġi dwar il-kumpanniji, il-politika dwar il-kompetizzjoni, l-agrikoltura (inkluż il-leġislazzjoni veterinarja u fitosanitarja), il-politika dwar it-trasport, it-tassazzjoni, l-istatistika, l-enerġija, l-ambjent, il-kooperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, l-unjoni doganali, ir-relazzjonijiet esterni, il-politika barranija u ta' sigurtà komuni u istituzzjonijiet, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14044/06<br>+ ADD 1–8 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| b) Direttiva tal-Kunsill li tadatta ċertu Direttivi fil-qasam tal-moviment liberu ta' merkanzija, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14046/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| (ċ) Direttiva tal-Kunsill li tadatta ċertu Direttivi fil-qasam tal-moviment liberu ta' merkanzija, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14047/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| | 14048/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONI JIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| d) Direttiva tal-Kunsill li tadatta ċertu Direttivi fil-qasam tat-tassazzjoni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14049/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| e) Direttiva tal-Kunsill li tadatta ċertu Direttivi fil-qasam tal-liġi dwar il-kumpanniji, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14051/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| f) Direttiva tal-Kunsill li tadatta ċertu Direttivi fil-qasam tal-moviment liberu ta' persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14052/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| g) Direttiva tal-Kunsill li tadatta d-Direttivi 73/239/KEE, 74/557/KEE u 2002/83/KE fil-qasam tal-prestazzjoni libera ta' servizzi, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14053/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| h) Direttiva tal-Kunsill li tadatta d-Direttiva 67/548/KEE dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14055/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| i) Direttiva tal-Kunsill li tadatta ċertu Direttivi fil-qasam tal-politika dwar it-trasport, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14056/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| j) Direttiva tal-Kunsill li tadatta ċertu Direttivi fil-qasam ta' l-agrikoltura (leġislazzjoni veterinarja u fitosanitarja), minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14057/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| k) Direttiva tal-Kunsill li tadatta d-Direttivi 73/239/KEE, 74/557/KEE u 2002/83/KE fil-qasam ta' l-ambjent, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14058/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| l) Direttiva tal-Kunsill li tadatta d-Direttiva 94/80/KE li tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura f'elezzjonijiet muniċipali minn ċittadini ta' l-Unjoni li jirresjedu fi Stat Membru li tiegħu m'humiex ċittadini, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14059/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| m) Direttiva tal-Kunsill li tadatta d-Direttiva 89/108/KEE dwar prodotti ta' l-ikel iffriżati malajr għall-konsum mill-bniedem u d-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14060/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| | | | | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| n) Direttiva tal-Kunsill li tadatta d-Direttivi 90/377/KEE u 2001/77/KEE fil-qasam ta' l-enerġija, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14061/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| o) Adozzjoni ta' Direttiva tal-Kunsill li tadatta d-Direttiva 94/45/KE dwar l-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi ta' l-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' tagħrif u ta' konsultazzjoni ta' l-impjegati, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | 14062/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| p) Direttiva tal-Kunsill li tadatta d-Direttivi 95/57/KEE u 2001/109/KEE fil-qasam ta' l-istatistika, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija | | | | |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2766 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-28 ta' Novembru 2006** | | | | |
| Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud | 12876/06<br>+ COR 1 (fr)<br>+ COR 2<br>+ COR 3 (de)<br>+ COR 4 (da)<br>+ COR 5<br>+ REV 2 (en,nl,el)<br>+ REV 2 COR 1 (en)<br>+ REV 2 COR 2 (nl)<br>+ REV 2 COR 3 (el)<br>+ REV 3 (lt)<br>+ REV 3 COR 1 (lt)<br>+ REV 4 (fi)<br>+ REV 4 COR 1 (fi)<br>+ REV 5 (hu)<br>+ REV 5 COR 1 (hu)<br>+ REV 5 COR 2 (hu) | 169/06, 170/06, 171/06, 172/06, 173/06 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura | 12598/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2767 laqgħa tal-Kunsill (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Konsumaturi) tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2006** | | | | |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità meħtiega għall-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski (verżjoni kodifikata) | PE-CONS 3640/06<br>+ COR 1 (da)<br>+ COR 2 (el)<br>+ REV 1 (hu) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (verżjoni kodifikata) | PE-CONS 3641/06<br>+ COR 1 (da)<br>+ COR 2 (es)<br>+ COR 3 (et)<br>+ COR 4 (lt)<br>+ COR 5 (nl)<br>+ COR 6 (pl) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-perjodu ta' protezzjoni ta' drittijiet ta' l-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati (verżjoni kodifikata) | PE-CONS 3643/06<br>+ COR 1 (en)<br>+ COR 2 (cs)<br>+ REV 1 (hu) | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (verżjoni kodifikata) | PE-CONS 3642/06 | | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| NOVEMBRU 2006 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI** | **TESTI ADOTTATI** | **DIKJARAZZJONIJIET** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (tfassil mill-ġdida) | PE-CONS 3648/06 | 174/06 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**DIKJARAZZJONI 164/06**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

"Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tippreżenta r-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 tar-Regolament, tagħti attenzjoni partikolari għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5(4) u għall-kwistjoni dwar jekk dik id-dispożizzjoni isservix b'mod adegwat l-objettivi tar-Regolament. Jekk ikun il-każ, il-Kummissjoni hi mistiedna tissottometti proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament.

**DIKJARAZZJONI 165/06**

**Dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni**

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament m'għandha tiġi interpretata bħala li tippreġudika l-pożizzjonijiet meħuda fil-Każ 91/05.

Sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx iddeċiediet dwar dan il-każ, il-Kummissjoni mhix ser tfittex li tieħu miżuri skond l-Artikolu 3(2)(i).

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li, fil-qafas tar-reviżjoni tar-Regolament li jistabbilixxi strument għall-istabbiltà prevista fl-Artikolu 25 tar-Regolament imsemmi, il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 3(2)(i) ser jiġi rivedut skond il-każ, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni u fid-dawl tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ C-91/05 (Kummissjoni v. Kunsill)."

**DIKJARAZZJONI 166/06**

**Dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni**

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-miżuri meħuda fil-qafas tal-linji politiċi għall-iżvilupp u tal-politika ta' kooperazzjoni kif definiti fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u dawk meħuda biex jintlaħqu l-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, kif stipulati fit-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jistgħu jkunu relatati u kumplimentari. Iż-żewġ istituzzjonijiet jaqblu li l-istrument għall-istabbiltà ma jippreġudikax il-miżuri adottati mill-UE fil-qafas tat-Titolu V tat-TUE sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PESK. Bl-istess mod, iż-żewġ istituzzjonijiet ifakkru li dawn il-miżuri ma jinvolvux il-kompetenzi mogħtija lill-Komunità mit-Trattat tal-KE.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jagħrfu li reazzjoni effettiva u koerenti ta' l-UE f'każ ta' kriżi politika, ta' konflitt vjolenti jew ta' katastrofi f'pajjiżi terzi teħtieġ livell għoli ta' koordinazzjoni politika flimkien ma' flessibbiltà operattiva u veloċità tat-teħid ta' deċiżjoni. Iż-żewġ istituzzjonijiet jissottolinjaw il-volontà politika tagħhom li jikkooperaw mill-qrib f'dan il-qasam.

F'dan ir-rigward u skond l-Artikolu 3 tat-TUE, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jagħtu attenzjoni

partikolari biex tiġi żgurata l-koerenza tal-miżuri adottati jew previsti skond it-Titoli V u VI tat-TUE, min-naħa l-waħda, u skond l-istrument għall-istabbiltà, min-naħa l-oħra. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu wkoll li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fl-istadju ta' ppjanar ta' miżuri li jaqgħu taħt il-kompetenzi u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ komprensiv ta' l-UE għal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti.

Il-koordinazzjoni u l-konsultazzjoni politika ser isseħħu fl-istanzi kompetenti tal-Kunsill. L-orjentazzjoni politika magħżula fi ħdan il-Kunsill ser tiggwida lill-Kummissjoni fl-ippjanar tagħha, imbgħad ser timplimenta l-miżuri adottati fil-qafas ta' l-istrument għall-istabbiltà. Qabel ma tadotta miżuri eċċezzjonali ta' assistenza, il-Kummissjoni tikkonsulta lill-Kunsill u ser tieħu kont debitu ta' kwalunkwe li l-Kunsill eventwalment ser ikun ifformula. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ser tipprovdi, fi żmien debitu, informazzjoni sostantiva dwar il-miżuri previsti, sabiex ikun jista' jsir skambju ta' fehmiet infurmat fil-Kunsill.

Jekk jiġu identifikati inkonsistenzi, il-Kummissjoni u l-Kunsill ser jikkooperaw mill-qrib biex isolvuhom malajr kemm jista' jkun.

Rigward id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(3) ta' l-istrument għall-istabbiltà, li jipprevedu ċerta flessibbiltà, il-Kummissjoni tikkonferma li ser tagħmel użu minnha biss fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevisti stipulati fl-Artikolu 3(1). F'tali każijiet hi l-ewwel ser tipprovdi informazzjoni sħiħa lill-Kunsill u ser tieħu kont debitu ta' l-orjentazzjonijiet li l-Kunsill eventwalment ser ikun ifformula dwar il-kwistjoni.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jivvalutaw il-kooperazzjoni tagħhom u l-proċeduri previsti f'din id-dikjarazzjoni konġunta fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba."

## DIKJARAZZJONI 167/06

### Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni ser tinforma lill-Parlament fi żmien debitu dwar miżuri eċċezzjonali ta' għajnuna adottati.
Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-miżuri adottati skond l-Artikolu 4(1)(a) fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jkunu jikkonformaw mal-liġi internazzjonali. Dawn il-miżuri ser jikkonċernaw il-pajjiżi li juru rieda politika ċara sabiex jindirizzaw dawn il-problemi b'mod li jiżgura rispett sħiħ għall-obbligi internazzjonali tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja applikabbli. Il-Kummissjoni ser tikkontrolla b'attenzjoni l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri sabiex tiżgura r-rispett ta' dawn il-prinċipji."

## DIKJARAZZJONI 168/06

### Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola dwar flettijiet tat-tonn (tuna loins)

"Id-delegazzjoni Spanjola tqis li ma hemmx raġuni objettiva biex tiżdied il-kwota tariffarja awtonoma attwalment applikabbli għall-flettijiet tat-tonn. Spanja ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni tas-suq tat-tonn. L-istudju dwar is-settur tat-tonn ippreżentat kmieni din is-sena ma jiġġustifikax il-ħtieġa għal żieda ta' din il-kwota. Barra minn hekk, skond dan l-istudju, kwalunkwe tip ta' liberalizzazzjoni fl-importazzjonijiet tat-tonn ikollu impatt soċjo-ekonomiku negattiv fuq is-settur Komunitarju."

**DIKJARAZZJONI 169/06**

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar id-Direttiva kollha**

"Jekk għandha tiġi promossa leġislazzjoni aħjar, jeħtieġ li s-Sitt Direttiva titfassal mill-ġdid. Madankollu, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li l-ambitu ta' dan it-tfassil mill-ġdid għandu jkun limitat biex jiġu evitati bidliet sostanzjali għal-leġislazzjoni eżistenti dwar il-VAT. Barra minn hekk, il-bidliet introdotti għall-istruttura u għall-formulazzjoni jservu biss sabiex jagħmlu t-test aktar ċar u komprensibbli u m'humiex maħsuba li jbiddlu s-sitwazzjoni legali attwali. Dawn il-bidliet lanqas ma jaffettwaw ir-raġuni wara d-dispożizzjonijiet tal-VAT previsti mit-tfassil mill-ġdid; għaldaqstant, anke jekk l-Ewwel u s-Sitt Direttiva dwar il-VAT u d-direttivi emendatorji suċċessivi jiġu mħassra, ir-raġunijiet għal dawk id-dispożizzjonijiet imniżżla fil-premessi oriġinali jibqgħu validi.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni, konxji mid-dikjarazzjonijiet preċedenti iskritti fil-minuti tal-Kunsill fir-rigward tas-Sitt Direttiva u d-Direttivi emendatorji suċċessivi, jaffermaw li d-dikjarazzjoni m'humiex affettwati mit-tħassir tad-Direttivi imsemmija."

**DIKJARAZZJONI 170/06**

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-Artikoli 80 u 199**

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonfermaw li l-obbligu ta' notifika lill-Kummissjoni u ta' informazzjoni lill-Kumitat tal-VAT li ġie impost fuq l-Istati Membri jikkonċerna biss il-miżuri ġodda adottati skond l-Artikoli 80 u 199 ta' din id-Direttiva. In-notifika m'hijiex meħtieġa għall-miżuri nazzjonali diġà adottati mill-Istati Membri skond Deċiżjoni li ġiet imħassra mid-Direttiva 2006/69/KE, jew li tiskadi fid-data li fiha dik id-Direttiva tidħol fis-seħħ, iżda li Stat Membru jkompli japplika skond l-Artikoli msemmija qabel."

**DIKJARAZZJONI 171/06**

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 199**

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-emendi magħmula lil din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċjarji tal-merkanzija jew is-servizzi li jitqiesu bħala persuni taxxabbli, iservu biss biex jallinjaw il-formulazzjoni mal-bqija tat-test li ġie mfassal mill-ġdid, skond ir-regoli ta' abbozzar leġislattivi u m'humiex bl-ebda mod maħsuba biex ibiddlu s-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet skond id-Direttiva 2006/69/KE."

**DIKJARAZZJONI 172/06**

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 411**

"Il-Kummissjoni tiddikjara li anki r-referenzi magħmula fil-leġislazzjoni nazzjonali għad-Direttivi mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva ġdida u b'hekk jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni."

## DIKJARAZZJONI 173/06

### Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 412

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li, għalkemm dan it-tfassil mill-ġdid iservi biss biex jikkodifika l-leġislazzjoni eżistenti dwar il-VAT mingħajr ma jkollu effett fuq il-kontenut tagħha, madankollu jeħtieġ li jsir numru żgħir ta' emendi sostantivi. Il-każijiet fejn it-traspożizzjoni mill-Istati Membri tista' tkun meħtieġa huma dawn li ġejjin:

– l-Artikolu 2(3): id-definizzjoni ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa hi emendata biex tieħu kont ta' l-emendi introdotti mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96 fuq prodotti ta' enerġija;
– l-Artikolu 44: hu ppreċiżat li l-post tal-provvista ta' servizzi mogħtija minn intermedjarju dejjem isegwi dak tat-transazzjoni prinċipali;
– l-Artikolu 59(1): l-emendi fil-formulazzjoni tad-dispożizzjoni li tobbliga lill-Istati Membri japplikaw ir-regola ta' użu jew sfruttament effettiv għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni, maqbula bħala parti mir-regoli li ġew stabbiliti għall-e-kummerċ, saru permanenti;
– l-Artikolu 399: id-data ta' konverżjoni għall-munita nazzjonali hi emendata biex tieħu kont ta' l-introduzzjoni ta' l-euro;
– Anness III, punt (18): biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi, il-verżjonijiet lingwistiċi differenti huma allinjati."

## DIKJARAZZJONI 174/06

### Dikjarazzjoni tar-Renju Unit

"Waqt li jappoġġa l-kontenut tal-proposta għal Regolament ġdid tal-Kunsill dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) 302/93 tat-8 ta' Frar 1993, ir-Renju Unit ikompli jkollu dubji dwar l-għażla ta' l-Artikolu 152 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea bħala l-bażi legali tar-Regolament. Waqt li l-Artikolu 152 jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri ta' appoġġ biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, ir-Renju Unit jibqa' tal-fehma li dan per se ma jidhirx li jikkostitwixxi bażi legali adatta għall-awtorizzazzjoni tal-ħolqien ta' istituzzjoni tas-saħħa fuq il-livell Ewropew u li l-għażla ta' l-Artikolu 308 tkun preferibbli. Din il-fehma hija konsistenti mal-fehma tar-Renju Unit fir-rigward tar-Regolament li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard."

| NOVEMBRU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| **Proċedura bil-miktub ikkompletata fis-6 ta' Novembru 2006**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni Komunitarja fi ħdan il-Kunsill Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam ma' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ<br>Dok. 14494/06<br><br>**L-2759 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fis-7 ta' Novembru 2006**<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda 2003/583/KE dwar l-allokazzjoni mill-ġdid ta' fondi li rċieva l-Bank Ewropew ta' l-Investiment għal operazzjonijiet imwettqa fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, taħt it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt EDF<br>Dok. 13908/06<br><br>Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar l-ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea<br>Dok. 13942/06 + COR 1<br><br>Regolament tal-Kunsill li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri kontra d-*dumping* applikabbli lill-importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>Dok. 13894/06<br><br>Regolament tal-Kunsill li jtemm ir-reviżjoni fir-rigward ta' "esportaturi ġodda" tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005 li jimponi dazji definittivi kontra d-*dumping* fuq l-importazzjoni ta' fibri diskontinwi tal-polyesters li joriġinaw, *inter alia,* mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>Dok. 14071/06 + REV 1 (lt) | |

| NOVEMBRU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Regolament tal-Kunsill li jestendi d-dazju definittiv kontra d-*dumping* impost mir-Regolament (KE) Nru 769/2002 fuq l-importazzjoni ta' kumarina li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għall-importazzjonijiet ta' kumarina kkunsinnati mill-Indoneżja u l-Malasja kemm jekk dikjarati li joriġinaw mill-Indoneżja jew mill-Malasja kif ukoll jekk le<br>Dok. 13770/06 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim taħt forma ta' skambju ta' ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previst mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Gabon dwar sajd 'il barra mill-kosta tal-Gabon għall-perijodu bejn it-3 ta' Diċembru 2005 u t-2 ta' Diċembru 2011<br>Dok. 13616/06 | |
| **L-2760 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-13 ta' Novembru 2006** | |
| Azzjoni konġunta tal-Kunsill li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (UE BAM Rafah)<br>Dok. 13571/06 | |
| Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li ġġedded ċerti miżuri restrittivi kontra l-Uzbekistan<br>Dok. 14402/1/06 REV 1 + COR 1 (fi) + REV 1 (en) | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 2004/793/KE li tikkonkludi l-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika Togoliża fil-qafas ta' l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Kotonù<br>Dok. 13883/06 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ir-reviżjoni ta' l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja min-Norveġja prevista fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fix-xogħol taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)<br>Dok. 7815/06 | |

| NOVEMBRU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq in-naħa l-oħra, dwar kwoti tariffarji fuq iz-zokkor u l-prodotti taz-zokkor li joriġinaw mill-Kroazja jew mill-Komunità<br>Dokumenti 14230/06 + COR 1 (sv), 14650/06 | |
| **L-2762 laqgħa tal-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ u Kultura) fit-13 u l-14 ta' Novembru 2006** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Awstralja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru<br>Dokumenti 5036/06 + COR 2 (pl)<br>+ REV 2 (cs,da,de,el,es et,fr,hu,it,lt,lv,mt,nl,pl,pt,sk,sl),<br>+ REV 2 COR 1 (de) + REV 2 COR 2 (lv) + REV 3 (fi), 14754/06<br>+ COR 1 (lv) | |
| Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-implimentazzjoni ta' l-objettivi komuni għall-parteċipazzjoni minn u l-informazzjoni għaż-żgħażagħ bil-għan li tiġi promossa ċ-ċittadinanza Ewropea attiva tagħhom<br>Dok. 14471/06 | |
| Pożizzjoni komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' *data* ta' l-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91<br>Dokumenti 14283/06 + COR 1 (fi) + ADD 1, 14601/06 | |
| Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb li tiġi adottata Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika għall-konsumatur (2007-2013)<br>Dokumenti 13241/06 + COR 1 + ADD 1, 14678/06 + COR 1<br>+ REV 1 (nl,es,pt) + ADD 1 REV 1 + ADD 1 REV 2 (nl,es,pt) | |

| NOVEMBRU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Pożizzjoni Komuni adotatta mill-Kunsill bil-għan li tadotta Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali (2008)<br>Dokumenti 14153/06 + COR 1 + REV 1 (fi) + ADD 1 REV 1, 14620/06<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diġitalizzazzjoni u l-Aċċessibbiltà Online tal-Materjal Kulturali, u l-Konservazzjoni Diġitali<br>Dok. 14466/06 + COR 1<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-avveniment tal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-Sena 2010<br>Dok. 14162/06<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prijoritajiet futuri għal kooperazzjoni Ewropea msaħħa dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali (ETP) (Reviżjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2004)<br>Dok. 15570/06<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar effiċjenza u ekwità fl-edukazzjoni u t-taħriġ<br>Dok. 15341/06 + COR 1<br><br>**L-2763 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-20 u l-21 ta' Novembru 2006**<br><br>Adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA)<br>Dok. 12867/06 | |

| NOVEMBRU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani<br>Dok. 14318/06 | |
| Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>Dok. 14364/06 | |
| **L-2765 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) fit-23 ta' Novembru 2006** | |
| Regolament tal-Kunsill li jtemm r-reviżjoni parzjali ad interim tal-miżuri kontra d-dumping applikabbli għall-importazzjoni ta' silikon li joriġina mill-Federazzjoni Russa<br>Dok. 14576/06 | |
| Regolament tal-Kunsill dwar l-importazzjoni ta' ċerti prodotti ta' l-azzar li joriġinaw mill-Ukrajna<br>Dok. 14131/1/06 REV 1 | |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 930/2004 dwar miżuri temporanji ta' deroga dwar it-tfassil fil-lingwa Maltija ta' l-atti ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea<br>Dok. 14205/06 | |
| Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatija sponġiformi trasmissibbli<br>Dokumenti 14224/2/06 REV 2 + REV 3 (fr) + REV 3 COR 1 (fr) + ADD 1, 14865/06 + COR 1 | |

| NOVEMBRU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġar tar-riskji ta' l-għargħar<br>Dokumenti 12131/06 + COR 1 (mt) + COR 2 + REV 1 (hu) + REV 1 COR 1 (hu) + REV 2 (lv) + REV 2 COR 1 (lv) + REV 3 (cs) + REV 3 COR 1 (cs) + REV 4 (pt) + REV 5 (lt) + ADD 1, 14566/06 + ADD 1 | |
| **L-2766 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-28 ta' Novembru 2006** | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awditur estern ta' Banka Slovenije<br>Dok. 14961/06 | |
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2667/2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni<br>Dok. 10086/06 | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/824/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH)<br>Dok. 14555/06 | |

| NOVEMBRU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| • Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea<br>Dok. 13898/06 + REV 1 (en)<br>• Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u Repubblika Arġentina, konformement ma' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u dwar it-Tariffa Doganali Komuni<br>Dok. 13899/06 + REV 1 (lt)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Komunità mar-Regolament Nru 107 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M2 jew M3 fir-rigward tal-kostruzzjoni ġenerali tagħhom<br>Dok. 7884/1/06 REV 1<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi, skond l-Artikolu 104(8), li l-azzjoni magħmula mill-Polonja b'risposta għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill maħruġa skond l-Artikolu 104(7) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, tidher li mhix adegwata<br>Dok 15507/06 | |

| NOVEMBRU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| **L-2767 laqgħa tal-Kunsill (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Konsumaturi) tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2006**<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tipprevedi assistenza finanzjarja Komunitarja eċċezzjonali lill-Kosovo<br>Dok. 14677/06<br><br>Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li tadatta d-Deċiżjoni 96/409/PESK dwar l-istabbiliment ta' dokument proviżorju ta' l-ivvjaġġar, sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea<br>Dok. 15584/06<br><br>• Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li testendi u temenda l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea (EUMM)<br>Dok. 14885/06<br>• Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li testendi l-mandat tal-kap ta' Missjoni tal-Missjoni ta' Monitoraġġ Ewropea (EUMM)<br>Dok. 14658/06<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem il-Komunità, fil-Kumitat dwar Għajnuna Alimentari fir-rigward ta' l-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Għajnuna Alimentari ta' l-1999<br>Dok. 15380/06<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jistabbilixxi qafas għall-koperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni superjuri, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ<br>Dok. 10924/06 + REV 1 (fr)<br>+ REV 2 (da,de,el,es,et,fi,hu,it,lt,mt,pl,pt,sk,sl,sv) + REV 2 COR 1 (da)<br><br>Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja<br>Dok. 13256/06 + COR 1 (fi) + COR 3 (fr) + COR 4 (pl) + COR 5 (pt)<br>+ COR 6 (sl) + REV 1 (lt) + REV 1 COR 1 (lt) + REV 2 (lv) | |

| NOVEMBRU 2006 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti magħmula pubbliċi** |
| Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (RDK) fir-rigward ta' l-Unità tal-Pulizija Integrata (EUPOL "KINSHASA")<br>Dok. 15194/06 + REV 1 (nl) | |